MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 211/2009

**Anna sive Annie Bonello (K.I. 420330M)**
**Vs**
**Raymond Dalli (K. I. 393375M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' disa' mija, wiehed u tletin ewro u sitta u sebghin centezmu (€931.76) rapprezentanti somma flus indebitament imhallsa lill-konvenut; bl-ispejjez inkluz dawk tal- ittra nterpellatorja datata 5 ta' Dicembru, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl- imghax skont il-ligi kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni; b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill- attrici skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut illi fejn eccepixxa illi t-talba attrici hija preskritta skont il-ligi; illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-konvenut ghamel ix-xoghol ghand l-attrici fejn

thallas ta’ fejn ghamlu meta mar biex ikompli bix-xoghol li kien ghad fadallu jaghmel sab il-katnazz mibdul u dan f’Jannar 2007 fejn sahansitra l-attrici sakritlu wkoll l-ghodda; bl-ispejjez;

Ra ix-xhieda ta’ Raymond Dalli u Anna Bonello;

Ra in-nota li permezz taghha gew esebiti l-affidatvits tal-attrici u l-perit Carmelo Farrugia;

Ra l-atti u id-dokumenti esebiti;

**Kunsiderazzjonijiet:**
Illi t-Tribunal ntalab jiehu decizjoni dwar hlas li sar allegatament indebitament lill-konvenut mill-attrici.

Mill-fatti jirizulta li l-attrici kienet qieghda tirrangja l-post taghha f’32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat. L-ewwel kien qed jaghmel ix-xoghol certu kuntrattur David Mallia mbaghad wara ftit l-istess Mallia kien baghat minfloku lill-konvenut. Il-partijiet kienu ftehmu fuq prezzijiet ohra bejniethom u l-konvenut beda jahdem ghall-attrici direttament. L-attrici kienet hallset mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) ghax-xoghol li kien ghamel il-konvenut fil-kamra tal-banju permezz ta’ cekk ghal dan ix-xoghol f’Marzu 2007.

Wara dan, il-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut jaghmel xoghol gewwa l-kantina tal-attrici skont stima li giet accettata. L-istima ma gietx esebita fl-atti.

L-attrici fix-xhieda taghha tghid illi l-konvenut kien talab li thallas erba’ mitt lira Maltin (Lm400). Kienet hallsithom in kontanti u ma nghatatx ricevuta. Mill-gurnata li hallsitu hu ma regax deher. L-attrici ddikjarat ukoll illi darba jew drabtejn kien gie barrani jaghmel ix-xoghol li kellu jaghmel Raymond Dalli. Wara ftit taz-zmien qabdet lil terzi biex jkomplu x-xoghol tieghu.

Il-Perit Carmel Farruggia prodott mill-attrici korrobora dak li ntqal mill-attrici (ara fol:46 tal-process). Hu ddikjara illi tkellem mal-konvenut. Il-konvenut kien qalu illi hu kien ser

"*ikompli ix-xoghol li ghalih kien diga thallas pero dan baqa qatt ma kompla x-xoghol*"

Il-konvenut fix-xhieda tieghu ddikkjara li wara li l-partijiet ftehmu fuq l-istima hu kien beda x-xoghol, kien xkatla l-kantina u ghamel l-i*skirting*, pero x-xoghol waqaf meta gie biex ibajjad il-post ghaliex il-konvenuta kienet indeciza fuq il-kulur. Hu ddikjara illi l-flus tat-talba *de quo* kien hlas akkont tax-xoghol li ghamel u ghalhekk kien dovut. Wara li thallas, hu kellu jieqaf ghall-hmistax pero l-attrici bdiet iccempilu u kien baghat wiehed li jahdem ghalih biex jaghmlilha x-xoghol. Wara li l-hmistax kienu ghaddew hu pprova jidhol biex jaghmel ix-xoghol imma sab li s-serattura tal-bieb kienet nbiddlet. Il-konvenut qal li pprova diversi drabi biex jidhol. Skont il-konvenut kienet l-attrici li ma riditx thalih jkompli jahdem sakemm ma jaghtihiex n-numru tal-kuntrattur Mallia. Huwa kien irriffjuta. Ix-xhud zied illi l-ghodda tieghu kienu baqghu ghandha ghaliex ma kellux access u ma setghax jehodhom lura.

It-Tribunal jinnota illi l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet iritirata fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2010 u ghalhekk m'ghandux ghalfejn jikkonsidraha.

Fir-rigward tal-mertu t-Tribunal irid jistabilixxi hawn hekk lil minn ser jemmen, ghaliex il-verzjonijiet tal-partijiet huma kontradittorji. Il-konvenut min-naha jghid li l-flus tat-talba *de quo* servew biex ikopru x-xoghol li kien diga ghamel u min-naha l-ohra l-attrici tiddikkjara li hi hallset din is-somma flus indebitament ghaliex ix-xoghol ma sarx. Johrog mix-xhieda li xi xoghol sar imma ghall-raguni jew ohra dan ma giex komplut. Anke hawn m'hemmx qbil dwar ghaliex ix-xoghol ma giex komplut: il-konvenut jghid li sab katnazz mal-bieb u dan kien ghaliex ma riedx jaghti lill-attrici d-dettalji ta' Mallia filwaqt li l-attrici tghid illi hu wara li taghtu il-flus ma riedx ikompli jahdem ghaliex ppruvat diversi drabi iccempilu minghajr success. It-Tribunal jhoss illi ghandu jemmen lill-attrici li din ghamlet hafna tentattivi biex tikkuntattja l-konvenut biex ikompli x-xoghol pero' mill-lat iehor it-Tribunal jemmen illi certu xoghol kien diga sar.

It-Tribunal jikkunsidera ukoll illi l-konvenut ma gabx kopja tal-istima maghmula minnu w lanqas ma gab ebda prova ohra biex tissostanzja ghaliex dan l-ammont kien dovut lilu. M'hemmx dikjarazzjoni ta' kemm-il gurnata hadem, jew ir-rati tieghu biex juri lit-Tribunal illi m'hemmx lok ghar-rifuzjoni ghaliex huwa thallas ghax-xoghol li sar.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, u *arbitrio boni viri*, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bl-imghax skont il-ligi mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes ta' din il-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------